KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 2

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 2 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar **il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024, fil-17:30 hrs**. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *onlajn* skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Marico Sammut**
**Segretarju Eżekuttiv** 4 ta' Lulju 2024

---

Membri Preżenti:

| | |
|---|---|
| • Ċensu Galea | Sindku |
| • Christopher Vella Petroni | Viċi Sindku |
| • Alfred Grima | Kunsillier |
| • Sandra Gauci | Kunsillier |
| • Alexander Agius | Kunsillier |
| • Anne Marie Fenech | Kunsillier |
| • Daryl Connor | Kunsillier |
| • Rachel Antoinette Williams | Kunsillier |
| • Alan Bugeja | Kunsillier |
| • Clevion Micallef | Kunsillier |
| • Joseph Matthew Attard | Kunsillier |
| • Alexandra Smart Costantino | Kunsillier |

Skużata

- Antoinette Bezzina

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30 hrs

**2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill rċieva notifika ta' apoloġija mingħand Antoinette Bezzina

**2.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 1**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Ċensu Galea ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Numru 1 bil-Kunsillier Anne Marie Fenech tissekonda l-mozzjoni.

Il-minuti ġew approvati nem.con kif tressqu.

**2.3 Punti mill-minuti**

Ma kienx hemm.

**2.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku nforma li l-*items* inklużi taħt komunikazzjoni mis-Sindku qed isiru hekk minħabba li llum hija l-ewwel laqgħa imma l-quddiem hu beħsiebu jdaħħal biss materja li tkun diġa ġiet diskussa u jkun hemm xi żviluppi fuqha, altrimenti l-*item* tkun waħda speċifika.

2.4.1 Trejqet il-Veċċja – Taraġ / *Pathway* – Talba biex fejn il-binja li twaqqat riċenti jiġi rranġat it-taraġ li qiegħed ftit iktar l-isfel mill-Kunsill. Naturalment wieħed irid jara l-*alignment* tal-binja u jekk dan hux inkluż jew le.

2.4.2 Rikjesta' ta' Manuel Perrone – Oxossi Capoeira Group – biex titella' attivita' kulturali internazzjonali iddedikata lill-capoeira – li huwa arti marzjali Brażiljana – Pjazza ta' Buġibba u Pjazza Ewropa (din trid tiġi ċċarata magħhom għal liem pjazza qed jirreferu) fil-1 u 2 ta' Novembru mis-2.00pm sa 7.00pm madwar 50 parteċipant. Il-Kunsill qabel nem.com pero trid issir laqgħa biex ikun iċċarat dak rikjest.

2.4.3 Saret talba biex issir 5K and 10K Burmarrad Race – Il-Ħadd 1 ta' Settembru mis-7.00am sa 8.30am. Il-Kunsill qabel nem.com

2.4.4 Ċirkolari – SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali - estensjoni mitt-28 ta' Ġunju 2024 sas-6 ta' Settembru - massimu ta' €30,000. Minħabba l-fatt li proġetti ta' dan it-tib ma kienx hemm mhux ser tiddaħħal applikazzjoni. Il-Kunsill qabel nem.com

2.4.5 Infrastruttura Malta (IM) – M 4.3 – Is-Sindku Ċensu Galea spjega li fis-26 jew 27 ta' Ġunju 2024 kien ġie avviċinat min IM fuq MOU li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa 72 ta' 12 ta' Diċembru 2023 fejn il-pozizzjoni tal-Kunsill kienet li kien qed jaqbel li jsiru t-toroq rurali proposti pero kella ssir

laqgħa bejn IM u l-Kunsill biex jiġu ċċarati xi punti fuq klawsoli li kien hemm fl-MOU. Saret diskussjoni fejn tqajmu diversi punti imma kien hemm qbil li minħabba li l-iffirmar kellu jsir sal-aħħar ta' Ġunju 2024 u IM kienu estendew minħabba d-data tal-laqgħa, il-Kunsill , la l-pozizzjoni ta' IM hija li dan kien ftehim standard għall-Kunsilli kollha, il-Kunsill kellu jmexxi bil-ftehim. Filwaqt li s-Sindku Ċensu Galea sostna li l-ftehim kien diġa ġie ratifikat mill-Kunsill ta' qabel, il-Kunsillier Alfred Grima semma li la dan l-MOU fil-laqgħa tal-lum kien tela' għad-diskussjoni taħt 'Kommunikazzjoni mis-Sindku' talab li titniżżel minuta li hemm ksur tal-liġi għaliex ried ikun hemm vot unanimu. Is-Sindku Ċensu Galea nforma li kien ser jiffirma l-MOU l-għada, 12 ta' Lulju, li kien l-aħħar jum tad-*deadline* estiż.

2.4.6 Ġnien it-Tfulija – Burmarrad – Saret diskussjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-MCCAA. Finalment ġie deċiż li jittieħdu d-deċiżjonijet wara li jiġi ċirkolat -rapport u jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, speċjalment għal-ħinijiet tal=ftuħ, min ser ikun inkarigat biex jagħmel dan ix-xogħol u x'tabelli għandhom jitwaħħlu fuq il-linji gwida tal-MCCAA.

2.4.7 Ġnien Joseph P. Caruana – Deċizjoni fuq latrina u tħawwil ta' siġar – Wara li s-Sindku Ċensu Galea spjega li waqt laqgħa mal-kuntrattur dan kien tal-opinjoni li s-siġar żgur mhux żmien li jitħawwlu fis-Sajf kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn jitħawlu iktar tard fis-sena. Il-Kunsill qabel li s-siġar għandhom jitħawlu iżjed tard. Saret diskussjoni fit-tul fuq jekk il-latrina għandiex titkompla skont kif kienet fil-pjanti u nkluża fit-tender. Il-Kunsillier Alfred Grima spjega li matul il-proġett kien hemm diversi deċiżjonijiet kif propost mill-periti biex saru xi tibdiliet min kif kien maħsub oriġinarjament. Ġie spjegat ukoll li l-istruttura tkompliet u ġiet preparata biex jekk il-Kunsill ikun irid li jagħmel tali' latrina din tkun tista' ssir. Is-Sindku Ċensu Galea qal li jifhem li hemm diversi kunsiderazzjoni x'wieħed jagħmel imma l-Kunsill d'dan il-punt irid jieħu deċiżjoni jekk il-kuntrattur ikomplix ix-xogħol tal-latrina min ġewwa jew le. Il-Kunsill qabel li la l-latrina kient fil-pjanti originali din għanda titkompla u wara jiġi deċiż kif wieħed ser jieħu ħsieba.

2.4.8 Caravans u Campers – Is-Sindku Censu Galea spjega u nforma lill-Kunsill li b'emenda li saret fil-liġi il-Kunsill jiġi biss infurmat li nħareġ permess mingħajr ma l-Kunsill ikun għamel approvazzjoni, dan għalkemm il-Kunsill sa' April li għadda kien irrijaferma l-pożizzjoni tiegħu li dawn ma jsirux fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar u li issa reġa

kkonferma dik il-pożizzjoni. Intqal ukoll li jekk possibli il-Kunsill m'għandux jagħmel oġġezzjoni għal din il-liġi waħdu imma b'mod kollettiv ma Kunsilli oħra.

**2.5 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapport**

Ma kienx hemm.

Il-Kunsillier Alfred Grima staqsa meta kien ser jitressaq il Q2 Financial Report. Ġie spjegat li meta ntalbet gwida mid-Dipartiment dan jista' jsir sal-10 t'Awwissu.

**2.6 Ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv**

Inqara r-rapport tal-Bord tal-Għażla – Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Is-Sindku Ċensu Galea informa li issa jkun irrid jagħti r-risposta tiegħu l-kandidat magħżul wara li dan jiġi mibgħut lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**2.7 Tqassim ta' Dekasteri**

Ċensu Galea – Komunita Burmarrad

Christopher Vella Petroni – Indafa

Alfred Grima – Innovazzjoni

Alexander Agius – Żagħżagħ, Tfal, Sport u Attivitajiet fiżiċi

Anne Marie Fenech - Edukazzjoni

Sandra Gauci – Ambjent

Daryl Connor – Proġetti (flimkien mas-Sindku)

Rachel Antoinette Williams – Integrazzjoni Soċjali

Antoinette Bezzina - Anzjani

Alan Bugeja – Infrastruttura (flimkien mas-Sindku)

Clevion Micallef - Kultura

Joseph Matthew Attard – Qasam Soċjali

Alexandra Smart Costantino – Ħarsien tal-Annimali

Is-Sindku Ċensu Galea talab li l-Kunsilliera kollha għandhom jagħtu sehemhom biex imexxu l-quddiem ir-responsabiltajiet tagħhom.

**2.8 Sitwazzjoni fix-Xemxija**

Is-Sindku Ċensu Galea spjega li kien il-ħsieb tiegħu li f'kull laqgħa issir diskussjoni fuq il-bżonnijiet ta' parti tal-lokalita' peress li kull *area* għanda l-bżonnijiet tagħha. Huwa semma li-Xemxija 'għanda diversi kontroversji li għadhom għaddejjin.

Huwa beda biex semma:

a) l-bajja tax-Xemxija li fiha żewġ sfidi waħda tal-alka u żamma tal-indafa tal-bajja fejn jifhem li għanda tinġibet l-attenzjoni tal-Ministeru tat-Turiżmu u l-oħra r-riħa ta' drenaġġ li għalkemm ma tolqotx biss lil din iż-żona għandu jsir komunikat mal-Water Services Corporation (WSC) biex tinġbdilhom l-attenjoni għaliha.
b) It-Triq tal-Pwales – fejn semma l-problema tal-culvert li ila għal snin twal u għalkemm saru xi tiswijiet il-problem ma ssolvietx

Il-Kunsillier Alfred Grima semma li l-Kunsilliier Stephen Cremiona kien issugerixxa li drenaġġ jgħaddi kollhu min naħa t'isfel minflok Triq San Pawl bil-WSC tieħu s-suġġeriment u minflok tgħaddih min taħt il-bypass liema xogħol bħalissa qiegħed isir. F-rigward tal-culvert imsemmi jidher li kien intefa' xi konkos min Triq ir-Ridott li spiċċa ġo dan il-culvert.

Il_kunsillier Clevion Micallef semma li jekk ser jiġu diskussi l-problemi tax-Xemxija kollha id-diskussjoni kienet ser tieħu fit-tul.

Il-Kunsilliera Anne Fenech semmiet il-problema tat-triq ta' fuq il-boathouses filwaqt lis-Sindku Ċensu Galea qal li kien ried isemmi wkoll il-problema tad-dwal ta' fejn il-boathouses.

Is-Sindku spjega li l-ħsieb wara diskussjoni lient biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jagħtu lil-Kunsill il-pozizzjoni aġġornata fuq dik il-materja partikolari.

Is-Sindku għadda biex semma it-toroq, il-Heritage Trail fejn għandu jsir kuntatt ma' Heritage Malta għal xi għajnuna li jistgħu joffru għaż-żamma tiegħu kif ukoll il-proġett tal-ex Mistra Village biex isir kuntatt mal-ERA minħabba l-kundizzjonijiet li setghu ġew imposti imma mhux qed jiġu osservati.

Il-Kunsillier Rachel Williams semmiet li hemm riperkussjonijiet fuq saħħet ir-residenti speċjalment anzjani u tfal minħabba trabijiet li qed jiġu ġenerati.

Is-Sindku semma wkoll id-deċizjoni li kienet ittieħdet mill-Kunsill preċedenti fir-rigward tal-applikazzjoni l-oħra ta' żvilupp li kienet saret li m'hemm l-ebda ħsieb li dik il-pożizzjoni tinbidel min dan il-Kunsill. Iċċara li l-applikazzjoni ma' kienetx irtirata imma sospiża.

Resident preżenti għal-laqgħa talab jekk jistax jagħmel intervent fejn il-Kunsill approva tali talba. Fl-intervent ir-resident mix-Xemxija talab li jekk ikun hemm xi żvilupp fuq il-mozzjoni li kienet tressqet mill-Kunsill preċedenti biex forsi l-art minflok tiġi żviluppata tinxtara mill-Gvern u tiġi żona ta' rikreazzjoni huma jkunu nfurmati.

## 2.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**2.10 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

Ma kienx hemm x'jiġi approvat.

**2.11 Appovazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti 6 u 7**

Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard ippropona u l-Viċi Sindku Christopher Vella Petroni ssekondaw rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill.

Il-kunsill approva nem.con

**2.12 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fi 19.45 u aġġornata għal-Ħamis 8 ta' Awwissu 2024 fil-17.30

**Approvati fit-8 ta' Awwissu 2024**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Ċensu Galea | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |